
BENEDITTU
PRODUCTIONS
Kulleġġ San Benedittu
Skola Sekondarja
Rapunzel
2019
il-Panto
mħarbta
Teatru Kreattiv, Kirkop.
B'risq
Multiple Sclerosis
Malta

# Rapunzel 2019
## il-Panto mħarbta



**Kitba**

Maria Abela Grech

**Lirika**

Keith Scicluna

**Kant**

Romina Mamo

**Direzzjoni Teknika**

Kevin Zerafa

**Disinn tal-Palk**

Simon Camilleri

**Direzzjoni**

Keith Scicluna



# Mill-Pinna tas-Surmast



Merħba lilkom fl-iskola tagħna !

Il-grupp tad-drama fi ħdan l-iskola tagħna jaħdem qatigħ matul is-sena biex iwasslilkom produzzjoni bħal din tal-lum. Hekk kif intemmet il-pantomima tas-sena l-oħra, Benedittu Productions irħewlha għal għonq it-triq lejn il-ġrajja ta' din is-sena – Rapunzel.

L-esebizzjonijiet tal-ogħla livell li jtella' dan il-grupp, issa saru mhux biss dati fissi fil-kalendarju tal-iskola iżda wkoll fil-kalendarju ta' ħafna nies li jattendu bi ħġarhom għal dawn ir-rappreżentazzjonijiet. Is-sena l-oħra, ix-xows kollha kienu mibjugħa b' 'il fuq minn 5000 spettatur! Minn hawn nixtieq nirringrazzjakom tal-fiduċja li turu minn sena għal oħra fil-produzzjonijiet tal-iskola tagħna.

Bħala skola nemmnu bis-sħiħ fil-ġid li joħroġ minn produzzjonijiet bħal dawn. Il-ħiliet li jiksbu l-istudenti meta jippartecipaw huma bosta u jsibuhom matul ħajjithom.

Ix-xogħol ta' preparazzjoni għall-produzzjoni bħal din ikompli sa ħafna wara l-ħin tal-iskola bla ma jtellef mill-ħin tal-kurrikulu. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lit-tim tal-produzzjoni u lill-istudenti għall-impenn u għad-dedikazzjoni tagħhom kif ukoll lill-MCAST li tirrikonoxxi xogħol dawn l-istudenti b'ċertifikazzjoni fil-*Performing Arts*.

Minn sena għal oħra, parti mill-profitt li tiġġenera produzzjoni bħal din imur għal għan filantropiku. Din is-sena bi pjaċir se nkunu qed nikkontribwixxu b'risq MS Malta, soċjetà li toħloq għarfien dwar il-kundizzjoni tal-isklerosi multipla u tgħin lill-membri li jbatu minn din il-kundizzjoni. Il-kumplament tal-profitt se jiġi investit f'din is-sala f'apparat u tagħmir elettroniku li jitgawda minn kulħadd.

Nawguralkom li tieħdu gost b'dak li tant għożża ħejjejnielkom !

M. Bondin

Rapunzel il-Panto



# PANTO

Rapunzel 2019

# is SIRinetta 2018











Call, email or
visit our website.
We're ready when you are.

**Metalco Ltd**

YARD 48, Scrap Lane
Valletta Road
Luqa, Malta



metalco@go.net.mt
0356 2166 7855
0356 2166 7833

Dealers and exporters in ferrous and non-ferrous metals,
Weee recycling, destruction of documents and related services.

Please go to our website to find additional detailed information.

www.metalcoltd.com

**Whether you're selling scrap metals or buying recycled materials, or you just want to find out more about metal recycling, please contact us. Our full-service commercial and logistics team stand ready to serve you.**

# Kelmtejn tad-Direttur



Sa mill-ftuħ ta' din l-iskola ħmistax-il sena ilu, il-produzzjonijiet teatrali ma waqfu qatt. Bdejna minn rappreżentazzjonijiet żgħar fil-*foyer* tal-iskola jew f'teatri barra mill-iskola. Għaxar snin ilu kellna x-xorti kbira li nbena kumpless biswit l-iskola li ssemma l-*Kumpless Kreattiv,* appuntu għax fih kien jinkludi wkoll teatru - teatru li għen mhux ftit sabiex inkabbru l-produzzjonijiet tagħna. Il-Kap tal-iskola preżenti u dak preċedenti ħadmu ħafna sabiex dan it-teatru jiġi attrezzat u dan għen sabiex ikun wieħed mill-aktar teatri mfittxija fin-Nofsinhar ta' Malta.

U dis-sena qed niċċelebraw dan l-anniversarju b'pantomima oħra kif jafu jtellgħu ta' Benedittu Productions. Unur għalina u għall-iskola li dawn il-produzzjonijiet jitkejlu min-nies preżenti fuq livell professjonali li jħabbtuha sew ma' dawk stabbiliti li jsiru fuq skala nazzjonali. Dan żgur hu mertu ta' ħafna nies li b'mod volontarju dejjem kienu hemm sabiex jagħtu l-ideat tagħhom u dik id-daqqa t'id sabiex minn sena għal oħra dejjem nippruvaw intejbu l-produzzjonijiet tagħna. Fuq paġni 10 - 11 ta' dan il-ktejjeb tistgħu taraw uħud minn dawn il-produzzjonijiet, mhux biss pantomimi, imma *musicals* u rappreżentazzjonijiet teatrali oħra wkoll. Produzzjonijiet li lilna jġibulna ħafna memorji sbieħ.

U domna ftit sabiex nagħżlu t-tema ta' din is-sena, minħabba l-fatt li riedu jgħaddu ħafna snin sakemm xagħar Rapunzel jitwal biżżejjed li nkunu nistgħu ndendluh 'l isfel mit-tieqa tat-torri u b'hekk Mama Żola tkun tista' titla' miegħu. Matul dawn is-snin tgħallimna wkoll kif nistgħu niggarantulkom spettaklu mill-isbaħ u dis-sena żgur li mhux se tkun l-eċċezzjoni.

Għalhekk, sinjuri jien ma baqagħli xejn xi nżid ħlief li nittama li dak li ppreparajna għalikom illejla jkun ta' sodisfazzjon għalikom u toħorġu minn hawn bi tbissima. Flimkien mat-tim kollu ta' Rapunzel nawguralkom il-festi t-tajba.

## Gozo Crafty Ladies

Step in plus

RESTAURANT • BAR • LOUNGE

## 'The Nail Room' by Charlotte

essence cosmetics

MAYPOLE

since 1900

MALTA

# MULTIPLE SCLEROSIS SOCIETY

Il-*Multiple Sclerosis* (MS) hija marda deġenerattiva li taffettwa s-sistema nervuża. Minħabba f'hekk, ħafna mill-pazjenti jkollhom bżonn fiżjoterapija u terapija okkupazzjonali.

Aħna kontinwament naħdmu qatigħ fil-ġbir ta' fondi biex inkunu nistgħu nħallsu t-22 fiżjoterapista u terapisti okkupazzjonali tagħna. Minħabba li l-MS taffettwa kull aspett tal-ħajja, aħna identifikajna wkoll il-ħtieġa tal-psikoterapija. L-ispiża tagħna sal-lum hija ta' madwar €32,000 fis-sena. Il-kontribuzzjoni tiegħek illum għenitna ħafna sabiex nipprovdu l-għajnuna li l-pazjenti tagħna għandhom bżonn.

Bħala soċjetà nifhmu li dejjem nistgħu nagħmlu iktar, u huwa għalhekk li b'mod regolari nġibu lill-pazjenti biex jissoċċjalizzaw u jiddiskutu l-aħħar trattamenti disponibbli għalihom. Għandna diversi kelliema fosthom tobba, psikologi, newrologi, li permezz tagħhom nippruvaw nittrattaw diversi suġġetti. Norganizzaw ukoll BBQ tas-sajf u ikla tal-Milied. Dawn iż-żewġ attivitajiet, li għalihom ikun hemm konkorrenza tajba, huma wkoll forma ta' ġbir ta' fondi tant meħtieġ.

L-*MS Society of Malta* tifforma parti mill-pjattaformi Ewropej u Internazzjonali għall-MS. Minn żmien għal żmien, nivvjaġġaw għall-konferenzi barranin li jirrappreżentaw il-komunità tal-MS Maltija. Tajjeb li tkunu tafu li m'aħniex waħedna nittrattaw id-diffikultajiet tagħna.






Rapunzel il-Panto

# 10 snin Teatru Kreattiv

2010




2011




2012



2015




2016




2016












2013 2014 2015










2017 2017 2017










2019 2019









Rapunzel il-Panto

IL TEATRO
Trattoria - Pizzeria

Sunshine Snacks

VEE GEE BEE Art
Art Supplies & Gallery Valletta & San Gwann

# Sweet Caroline
# Kull fejn tkun żgur wiċċ daħkan
# Sweet Caroline
# Għax miegħi kulħadd ferħan.



## Song Sheet

Tgħallmuha

ħalli tkantawha

flimkien miegħi 🥰

# Eks Benedittini f'fażi avvanzata ta' X factor Malta

Kull nhar ta' Ħadd filgħaxija, eluf ta' Maltin ikunu msammrin mat-televixin sabiex isegwu puntata wara oħra ta' X factor Malta. Aħna għandna raġun ħafna akbar għax żewġ eks studenti avvanzaw f'din il-kompetizzjoni.

Marija Bellia u Michela Abdilla kienu parti mid-Drama Group ta' Benedittu Productions u rajniehom kemm-il darba fuq il-palk jinterpretaw partijiet ewlenin. L-aħħar darba li rajniehom flimkien fuq il-palk kien f'April tal-2018 f'Joyful Joyful, rappreżentazzjoni ibbażata fuq iż-żewġ films ta' Sister Act. Ma setax jonqos li t-tnejn li huma saħħruna bil-vuċijiet tagħhom fl-interpretazzjoni tal-kanzunetti *Oh Happy Day* u *Joyful Joyful.*

Huwa ta' gost u pjaċir kbir tagħna li naraw dawn l-eks studenti javvanzaw f'din il-kompetizzjoni u mill-qalb nawgurawlhom kull suċċess. Sakemm kien qed jinkiteb dan l-artiklu kien għad kellna naraw lil Michela Abdilla tikkompeti għaċ-chair challange fis-sezzjoni tal-gruppi mentri Marija Bellia kienet diġà għaddiet din il-fażi bl-unuri, bl-interpretazzjoni ferm interessanti tal-kanzunetta Bad Romance ta' Lady Gaga. Iż-żewġ kantanti kellhom kliem ta' tifħir kemm mill-ġurija kif ukoll mill-pubbliku inġenerali.

Min-naħa tagħna, qatt ma kellna dubju mill-kapaċitajiet ta' dawn iż-żewġ eks studenti u ta' ħafna oħrajn ukoll. Minn qalbna nawgurawlhom kull suċċess mhux biss f'X Factor imma fil-karriera mużikali tagħhom.











Rapunzel
il-Panto

# RAPUNZEL

Il-Panto mħarbta

*2019*

KAST





Dama – Caroline
Keith Scicluna

Rapunzel
Ramona Galea

Flynn
Alison Allendoerfer







Mama Żola
Romina Mamo

Re Nathan Psaila
Reġina Erica Tanti

Johnsy Ilaria Sammut
Trumpy Nicole Vassallo



Kamaleonte
Jeremy Vella



Suldati: Zach Zahra, Martina Bonnici
Nicole Cachia (Rowena Bugeja)

Narratur
Jasmine Tal-PA
Ġorġ tal-BRO

Thea Aquilina
Ancel Cefai
Edward Marmará



Vikingi

Ella Buttigieg
Kimberley Ciantar
Zoe Schembri
(Andri Debono)

Jodie Cardona
Martina Cutajar
Dana Zammit

Martina Chircop
Catriona Mifsud
Sarah Vella



Folla

Jasmine Micallef
Ruslana Andrews
Anthea Ellul
(Amber Vassallo
Amy Debono
Nicole Grech White
Krystle Theuma
Chanelle Polidano
Kaycie Caruana
Yasmine Galea)
Kyra Cassar
Naomi Pisani
Samuel Calleja
Maya Chetcuti



Żeffiena:

Joy Baldacchino
Lindsey Frendo
Shania Mamo
Nicole Cachia
Shanise Farrugia
Nirvana Vella
Antjie Cassar
Brooke Grixti
Elisha Schembri
Kylie Sciberras
Leonora Tesi
Leanne Zammit



# Wara l-Kwinti

| | | |
|---|---|---|
| Tfassil u ppjanar: | Il-grupp tal-panto magħmul minn Keith Scicluna, Maria Abela Grech, Simon Camilleri, Carlos Borg, Ramona Galea, Alison Allendorfer u Romina Mamo. | |
| Kumitat SDP Attivitajiet: | Michael Bondin, Manwel Borg, Keith Scicluna, Ann Marie Micallef, Romina Mamo, Joanna Mallia, Janet Mercieca. | |
| Paġna tal-facebook – Benedittu Productions: | | Romina Mamo<br>Keith Scicluna<br>Janet Mercieca |
| Instagram: | Maria Abela Grech | |
| Biljetti: | Janet Mercieca | |
| Bukings: | Janet Mercieca | |
| Riklami | Joanna Mallia<br>Manwel Borg | Ann Marie Micallef<br>Keith Scicluna |
| PR | Pamela Schembri<br>Keith Scicluna | Romina Mamo |
| Ktejjeb: | Stephanie Gatt | Keith Scicluna |
| Qari tal-provi: | Desiree Dimech | Ancel Cefai |
| Logo: | Simon Camilleri | Yanika Żerafa |
| Poster: | Keith Scicluna, Simon Camilleri, Yanika Żerafa | |
| Disinn tal-Palk: | Simon Camilleri | |
| Bini tas-sett: | Carlos Borg, Simon Camilleri, Margot Caruana, Laurence Magro, Kevin Zerafa, Harold Micallef, Clinton Carter bl-għajnuna tal-istudenti tal-arti u tal-*Prince's Trust*. | |
| Awdjo u Dawl: | Kevin Zerafa bl-għajnuna ta' Kyle Sheehan, Zak Farrugia Bonnici, Kris Samuel Bartolo, Simon Grixti flimkien mal-ex studenti Nathan Bonnici u Owen Phillips | |
| Settjar tad-dawl: | Nathan Bonnici | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Settjar tas-Sound: | Owen Phillips | | |
| Floor Crew | Luca Debono | Maverick Schembri | Kyle Austin |
| | Mattias Spiteri | Jaiden Micallef Grech | Glenn Ghigo |
| | Aiden Mifsud | James Farrugia | Justin Snowsan |
| | Alexander Cutajar | Jayden Grima | Loriana Mallia |
| | Shania Agius | Redeemer Cachia | Monique Spagnol |
| | Hayley Wiffen | Sharona Spiteri | Jeslian Mizzi |
| | Tatiana Tanti | Nikita Pace | |
| Wara l-kwinti: | Yelena Gaffiero | Kelsey Ciantar | Yasmine Zammit |
| | Dorian Debono | May Agius | Pavel Dalli |
| | Graig Scerri | Emma Picco | Karl Galea |
| | Neisha Grima | Basmala Nassar | Harry Camilleri Mallia |
| | Johann Zammit | Ayrton Saliba | |
| Prompter: | Nicoletta Galea | Charlene Cauchi | |
| Għajnuna oħra | Alison Allendoerfer | | |
| Korjografija u żfin | L-istudenti stess | Nicoletta Galea | |

Irtokk: Margot Caruana bl-għajnuna ta' Theresa Mifsud, Priscilla Callus, Bridget Borg Zerafa, Maria Abela Grech u l-istudenti Mariah Cuschieri, Emma Incorvaja, Francesca Bartolo, Zoe Schembri, Jessica Seisun u Nicole Cachia.

Kiri ta' Kostumi: Marika Zarb

Fotografija: Victor Zammit u Lourdes Micallef Photography

Ġbid u Editjar tat-trejlers: Flash Productions

Taħriġ fil-kant u Rekordjar: Romina Mamo

Loġistika: Keith Scicluna

Kitba: Maria Abela Grech

Lirika: Keith Scicluna

Stage Manager: Simon Camilleri

Direzzjoni: Keith Scicluna

# HERSHEY'S




Magic Clean
DETERGENTS & TOILETRIES

**Helping you**
**Spend less**

21647070
Magic Clean
DETERGENTS & TOILETRIES


Rapunzel il-Panto

# Proġett Kreattiv – Fusion

L-istudenti li jieħdu sehem fil-produzzjonijiet imtella' minn *Benedittu Productions* jaħdmu ħafna flimkien mal-għalliema tagħhom sabiex ikunu ċerti li jinżamm il-livell li dejjem intlaħaq s'issa, u jekk hu possibbli jitjieb ukoll. Però dan kollu jirrikjedi ħinijiet twal u sagrifiċċji. Huma jqattgħu ħafna ħinijiet wara l-ħin tal-iskola, matul il-*weekends* u l-vaganzi sabiex jagħmlu l-provi. Is-sodisfazzjon huwa l-ħlas ta' dan kollu. Però l-iskola ħadet ħsieb li dawn l-istudenti għandhom ikunu rikonoxxuti ferm aktar minn hekk. U għalhekk, bħala parti mill-*Partnership Project* li l-iskola tagħna għandha mal-Mcast, l-istudenti mhux biss qed jipparteċipaw f'dawn il-produzzjonijiet imma qed ikunu akkreditati ta' xogħolhom. F'Ottubru li għadda, l-istudenti kollha ġew mogħtija ċertifikat mill-Mcast talli segwew il-kors *Introduction to Performing Arts* fi tmiem l-ewwel u t-tieni sena tagħhom.

Iżda s-Surmast, is-Sur Michael Bondin, jara kif jagħmel biex lil dawn l-istudenti jkompli jagħtihom opportunitajiet ġodda, tant li akkwista fondi li ser iwasslu għal produzzjoni ferm interessanti f'April li ġej. Dawn l-aħħar tliet snin, *Benedittu Productions*, anke bħala parti mill-kors li ssemma aktar 'il fuq, ħejja produzzjoni kollha kemm hi mfassla u mtellgħa mill-istudenti nfushom. Kienu suġġetti interessanti ferm li għalkemm qosra kellhom messaġġ qawwi. Dawn kienu *3940*, *B.U.* u *L-Irtokk*. Wara kull rappreżentazzjoni dejjem kien hemm diskussjonijiet minn persuni rinomati u esperti fil-qasam biex noħolqu aktar għarfien dwar is-suġġett. Għal din is-sena, din il-produzzjoni ser tkun megħjuna minn artisti stabbiliti mill-qasam tal-palk, moviment u mużika. Fuq skript oriġinali, l-istudenti ser ikunu qed jiddiskutu wkoll mużika oriġinali li tmur ħaġa waħda mal-amandament tal-produzzjoni. Finalment, din il-mużika ser tkun esegwita *live* waqt ir-rappreżentazzjoni mill-*Big Band Brothers Junior*.

M'għandix dubju li ser tkun esperjenza interessanti ferm, fejn l-istudenti, għalkemm mhux bilfors mużiċisti, bl-għajnuna ta' kompożitur, ser ikunu qed isarrfu l-ħsibijiet tagħhom f'mużika oriġinali li ser tikkumplimenta din il-produzzjoni. Sadanittant, l-istudenti, waqt is-sezzjonijiet ta' taħriġ li jkollhom kull ġimgħa, qed jiddiskutu u jirfinaw l-iskript u aktar tard jgħaddu għall-korjografija u l-esebizzjoni bl-għajnuna ta' nies esperti f'kull qasam. Ninsabu ħerqana naraw il-prodott finali ta' dan il-proġett. Intom min-naħa tagħkom żommu t-23 t'April 2020 filgħaxija liberu fil-kalendarju tagħkom ħalli tkunu tistgħu ssegwu din ir-rappreżentazzjoni. Għal aktar informazzjoni aġġornaw ruħkom mas-sit tal-facebook *Benedittu Productions*.


MCAST
MCAST


MCAST
MCAST

# DONAZZJONI TA' €13,000 LIL DAR BJORN

Għall-grazzja t'Alla l-iskejjel tagħna ma jonqoshom xejn. L-iskola tagħna mhix eċċezzjoni. Madankollu ta' kull sena, permezz tal-inizjattivi li toħloq l-iskola jinġabru ammont ta' flus li bihom nistgħu ninvestu fit-tisbiħ tal-iskola kif ukoll ngħinu xi entitá filantropika.



Matul dawn l-aħħar snin kienu diversi l-entitajiet li għenna. Is-sena li għaddiet u għat-tieni darba għażilna li ngħinu lil Dar Bjorn. Għażilna lil Bjorn għax fi Bjorn naraw mudell għall-istudenti tagħna. Mudell pożittiv li fit-tbatija tiegħu, minflok seħet xortih iddedika ħajtu u ħinu sabiex jgħin lil ħaddieħor bit-tama ta' futur aħjar. Fi Bjorn naraw raġel reżiljenti u determinat jissielet għall-mira li poġġa għalih innifsu.




Kull attivitá li saret l-iskola marret għal dan il-għan. Pantomima, casual days, inizjattivi kurrikulari u festa komunitá. Ġbarna il-ftit mingħand il-ħafna u bil-qatra l-qatra mtliet il-ġarra.

Kien ta' sodisfazzjon kbir għalina meta nhar It-Tlieta 15 t'Ottubru, il-Kunsill tal-istudenti ippreżenta s-somma sabiħa ta' tlettax-il elf ewro f'isem l-iskola kollha. Somma li filwaqt li tiżboq l-aspettattivi, tixhed ir-responsabbiltá soċjali tal-iskola u l-impenn tal-istudenti u l-istaff favur għanijiet nobbli.

M. Bondin







THE ROOM
HAIR&BEAUTY




AX | The PALACE ★★★★★

Hair Design
by
Yvette Camilleri

Fantastic
Nails
by
Brenda

# GRUPP TAD-DRAMA FI FRANKFURT

Bħalissa grupp ta' 15-il student/a qed jipparteċipaw fi proġett ieħor tad-drama ma' ħames pajjiżi oħra, bħala parti minn Erasmus+ Educate. L-għan ewlieni tal-proġett hu li nwasslu l-valuri Ewropej permezz tad-drama.

F'Mejju li għadda l-istudenti tagħna kellhom l-opportunità li jitilgħu Frankfurt sabiex flimkien mal-pajjiżi l-oħra li qed jipparteċipaw, jiġifieri l-Italja, l-Ingilterra, il-Ġermanja, Spanja u l-Greċja, ikollhom taħriġ f'oqsma varji tad-drama. Kellna l-opportunità wkoll li naraw rappreżentazzjoni interessanti immens dwar l-ambjent. Kienet rappreżentazzjoni edukattiva u pjuttost partikolari ħafna. Grupp ta' erba' atturi għamlu użu mit-teknika tal-*clowning* sabiex iwasslu messaġġ importanti u fl-istess ħin inkwetanti. Il-kuntrast bejn it-teknika użata u s-suġġett kienu interessanti immens u li żgur l-istudenti tagħna tgħallmu ħafna minnha. Wara din ir-rappreżentazzjoni kien hemm ċans li l-istudenti tagħna jiddiskutu jew jistaqsu mistoqsijiet direttament lill-artisti u b'hekk din l-esperjenza kienet waħda mill-isbaħ.

Bħala parti mill-proġett, l-istudenti riedu jtellgħu rappreżentazzjoni qasira bbażata fuq waħda mill-valuri fundamentali tal-Ewropa - *Freedom*. Kienet silta li ntgħoġbot ħafna. L-istudenti wrew, permezz ta' mima u kòrjografija, kif permezz tal-libertà tal-espressjoni, il-bniedem inħall minn irbit li kien qed jillimitah milli jesprimi ruħu b'mod liberu. Però mbagħad ippreżentaw siltiet qosra ta' kif, jekk ma noqogħdux attenti, din l-istess libertà jista' jkolla effetti ħżiena. Bħal pereżempju: intolleranza għal reliġjonijiet differenti; meta noħonqu opinjonijiet oħra li ma naqblux magħhom jew li ma naċċettawx lil min jidher differenti minna, fost l-oħrajn. Ir-rappreżentazzjoni spiċċat b'monologu minn waħda mill-istudenti fejn saħqet fuq l-importanza li nirrispettaw lil kulħadd u li għalkemm għandna nagħtu l-opinjoni tagħna u nsemmgħu l-vuċi tagħna, għandna nagħmlu dan b'rispett u b'għaqal ħalli ma nweġġgħu lil ħadd.

Sadanittant, l-għalliema Rodianne Haber, Romina Mamo, Keith Scicluna u Kevin Zerafa wkoll għadhom kemm kellhom esperjenza sabiħa ġewwa Viterbo, fin-naħa ta' fuq ta' Ruma f'Ottubru li għadda. Apparti li ġew diskussi l-pjanijiet tal-proġett għal din is-sena, kellna sessjonijiet dwar *La Commedia dell'Arte*. Huwa ġeneru ta' drama bi storja twila u ferm interessanti. Issa ħarsitna ser tkun għal Mejju tal-2020 fejn il-pajjiżi kollha ser nerġgħu niltaqgħu għall-għeluq tal-proġett li ser isir f'Malta. U għal din l-okkażjoni qed nistednukom sabiex tkunu magħna fil-21 ta' Mejju f'dan it-teatru ħalli flimkien niċċelebraw żewġ okkażjonijiet importanti għalina: l-għaxar anniversarju mill-ftuħ ta' dan it-teatru kif ukoll l-għeluq tal-proġett Erasmus+ Educate.

Narawkom!











# RITRATTI MINN WARA L-KWINTI







# APPREZZAMENT

## MARCO MICALLEF





Il-vaganzi tas-sajf li għadda bdew fuq nota mnikkta tassew. Ħabib kollega tagħna, tilef battalja li kien ilu jiġġieled għal diversi xhur b'determinazzjoni, b'kuraġġ u b'ċerta pożittività wkoll. Marco ħalla vojt kbir warajh fl-iskola u speċjalment fid-dipartiment tat-Taljan u fi *staffroom* FD. Marco kien bniedem ħabrieki. Kien għadu kemm spiċċa Masters fl-Università ta' Malta u kien dilettant kbir ta' razza partikolari ta' kanali. Però mhux biss!

Hu kien ikun l-iskola minn filgħodu kmieni u jibda jaħdem u jipprepara għall-ġurnata. Kien ikun dak il-ħin li l-aktar kont nintefa' ngħid kelma miegħu. Kien jammira u japprezza ħafna x-xogħol kbir li tirrikjedi produzzjoni bħal din u dejjem jifirħilna għal kull biċċa xogħol li ntellgħu. Marco, għalkemm qatt ma tela' fuq palk, xorta ried ikun ta' għajnuna u b'xi mod jagħti daqqa t'id fil-pantomima.

Għal xi żmien kien ħa f'idejh it-tfassil ta' dan il-ktejjeb. Jien kont ngħaddilu l-materjal u hu kien jirranġa u jissettja l-artikli, ir-ritratti u r-reklami sabiex jidher bl-aħjar mod possibbli. Sakemm kont inkun qed nitkellem miegħu f'dawk il-mumenti ta' filgħodu qabel nibdew ix-xogħol, innutajt xi ħaġa oħra f'Marco. Kellu vuċi soda u mimlija li fl-opinjoni tiegħi tinstema' sabiħa wisq wara l-mikrofonu. U meta kont għedtlu sabiex jaqra bħala narratur, l-ewwel darba daħaq u qalli "nippruvaw". Fl-opinjoni tiegħi, kellu l-vuċi ideali. Din kienet Peter Pan fl-2013 u tliet snin wara, reġa' għamilha ta' narratur fil-pantomima 'Il-Gżira tat-Teżor'.

Minn hawnhekk insellmu l-memorja ta' Marco.

Sakemm nerġgħu niltaqgħu.

Keith Scicluna


ĦALLAS FAĊILMENT
NIŻŻEL L-APP ILLUM
BOV pay
BOV
Bank of Valletta
GET IT ON Google Play
Kellimna | 2131 2020 | bov.com
Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130. Il-Bank of Valletta p.l.c. hija kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata regolata mill-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji u liċenzjata biex toffri l-kummerċ bankarju f'termini tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta).